**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 75/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**
**vs**
**Giuseppe Attard**

**Illum 14 ta' Dicembru, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Giuseppe Attard, ta' 77 sena, bin il-mejjet Emanuel u Giuseppa nee' Zarb, imwieled Haz-Zebbug, Malta fl-24 ta' Settembru, 1939, u li joqghod f'Bini tal-Gvern, Blokk C, Flat 3, Triq Giovanni Bonavia, Hal Luqa, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 672139M:

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fit-18 ta' Settembru, 2014 u fil-jiem u x-xhur li jigu mmedjatament wara, irrenda lilu nnifsu komplici ta' frodi, billi xjentement ghen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat, u cioe':

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja

kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn hamest elef ewro (€5,000) ghad-dannu ta' Saviour Seguna ID 746730M u/jew persuni ohra;

2. Bi hsara ta' haddiehor, ghamel xi qligh iehor b'qerq ta' aktar minn hames elef ewro (€5,000);

3. Kif ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi ffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokument iehor li meta jigi prezentat wiehed jista' jircievi hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti;

4. Kif ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

5. Kif ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, xjentement ghamlu uzu tal-istess att, kitba jew skrittura falza.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 19 ta' Ottubru, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tal-imputat, fedina penali, stqarrija, dikjarazzjoni ta' rifjut ghal jedd tal-parir legali, stqarrija datata 24 ta' Mejju, 2012 immarkat bhala Dok RS1, dikjarazzjoni ta' Maria Doris sive Doris Azzopardi mmarkat bhala Dok RS2, kopja ta' kuntratt immarkat bhala Dok RS3, pre-sentencing report immarkat bhala Dok DL1.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Rat il-pre-sentencing report ipprezentat mill-Probation Officer fl-14 ta' Dicembru, 2017.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat kif ukoll ir-rakomandazzjonijiet tal-Probation Officer fil-pre-sentencing report. Illi l-Qorti taqbel mat-tezi tad-difiza fit-trattazzjoni taghha li t-tieni (2) imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel (1) wahda. Illi l-Qorti fil-konfront tat-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuza qeghda tapplika l-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex dawn l-imputazzjonijiet qeghdin jitqiesu bhala mezz ghall-fini biex sehh ir-reat imnissel fl-ewwel (1) imputazzjoni.

F'kull kaz il-Qorti tara li ghandha zzomm ma dak illi qalet il-*Probation Officer* u cioe' li piena ta' prigunerija effettiva ma tkunx idoneja f'dan il-kaz. Primarjament l-ufficcjal prosekutur fit-trattazzjoni tieghu indika lill-Qorti li l-imputat ghalkemm ha sehem attiv f'dan ir-reat, il-benefikat tieghu kien wiehed mizeru. Apparti minn hekk l-imputat mall-ewwel ikkopera mal-Pulizija li investigat il-kaz minghajr problemi ta' xejn, oltre l-fatt li l-ahhar infrazzjoni li ikkommetta l-imputat kien kwazi ghoxrin (20) sena ilu. Illi l-imputat ghandu problema kbira ta' smiegh u huwa persuna ta' eta' avvanzata u ghalhekk certament ma jkunx fl-ahjar interess tal-gustizzja li huwa jinghata ghal motivi hawn fuq indikati piena ta' prigunerija effettiva.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 42, 308, 309, 310(1)(a), 167, 183, 184 u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati ta' l-**

**imputazzjonijiet fuq l-ammissjoni cara u inekwivoka tieghu, u tikkundannah ghal perjodu ta' sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati jiddepozita fir-Registru tal-Qorti s-somma ta' mitejn ewro (€200) li ghandhom jigu zbankati fi zmien xahar lill-Ufficjal Assistent fid-Dipartiment tal-Gustizzja sabiex fit-termini tar-Regolament 12 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 9.12, l-Ufficjal dwar it-Talbiet fi hdan id-Dipartiment tal-Gustizzja juzahom fl-ahjar mod li jidhrilu huwa fi hdan l-isfera ta' xogholu.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza flimkien ma l-atti tal-proceduri jigu mghoddija lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**